## PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI
## (ĠURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA, LL.D**

*Rikors Numru 370/2022 MS*

**Khaled Al Karshawy**

**Vs.**

**(1) Ministeru għall-Intern, Sigurtà, Riformi u l-Ugwaljanza**
**(2) Avukat tal-Istat**

Illum, 26 ta' Frar, 2024

Kawża Numru: 1K

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors preżentat mir-rikorrenti fit-8 ta' Lulju, 2022, li bih wara li huwa ppremetta dan li ġej:

> ILLI l-attur huwa mill-Marokk u kien wasal Malta irregolarment f'Mejju 2019 wara li kien kostrett jahrab minn pajjizu biex jipprotegi hajtu.
>
> ILLI huwa applika immedjatament ghal azil gewwa Malta u fl-20 ta' Awwissu 2019 din l-applikazzjoni (IPA No.

26033) giet rifjutata. Mad-decizjoni huwa gie infurmat li seta' jappella, izda ma giex rakkomandat lilu li jkellem avukat jew persuna legali.

ILLI il-25 ta' Novembru 2019 huwa dahhal appell quddiem l-International Protection Appeals Tribunal (Tribunal ta' Appelli dwar Protezzjoni Internazzjonali) minn din id-decizjoni minghajr l-assistenza ta' avukat kif wara kollox jippermettu l-proceduri, liema appell gie deciz mill-imsemmi Tribunal fl-14 ta' Gunju 2021 billi gie rigettat l-appell wara li skond l-istess Tribunal tal-appell l-appellant ma indikax x'kien l-aggravju tieghu – referenza 8158/2021.

ILLI din id-decizjoni ikkawzat dannu kemm lill-istess appellant kif ukoll lill-familjari tieghu li jiddependu minnu.

ILLI Artikolu 7 tal-Kap 420 tal-Ligijiet ta' Malta jghid minn xiex jista' jsir appell, pero'ma jindikax x'irid ikun fih l-appell, kuntrarju ghal dak li jipprovdi l-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (partikolarment Artikolu 143 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta), u ghalhekk id-dispozizzjonijiet tal-ligi fil-Kap 420 tal-Ligijiet ta' Malta li jirrigwardaw appelli ghal quddiem l-imsemmi Tribunal huma ambigwi u jippregudikaw lill-appellant tant li jcahhduh mid-dritt ghal smiegh xieraq kif ukoll jillimitawlu d-dritt tieghu ghall-access ghall-Gustizzja.

talab lil din il-qorti jogħġobha takkordalu r-rimedji Kostituzzjonali u dawk tad-Drittijiet tal-Bniedem skont il-Kostituzzjoni ta' Malta u skont l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, fil-konfront tal-intimati jew min minnhom skont il-każ, u għalhekk:

i. Tiddikjara li d-dispozizzjonijiet tal-ligi kontenuti fil-Kap 420 tal-Ligijiet ta' Malta rigwardanti proceduri ta' appell minn decizjonijiet tal-Kummissarju ghar-Refugjati jew l-Agenzija ghall-Protezzjoni Internazzjonali huma ambigwi u jaghtu lok ghal nuqqas ta' smiegh xieraq tal-persuna li tkun trid tappella, bi ksur tal-Kostituzzjoni ta' Malta u bi ksur tad-drittijiet sanciti taht il-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta;

ii. Tiddikjara li d-dispozizzjonijiet tal-ligi kontenuti fil-Kap 420 tal-Ligijiet ta' Malta rigwardanti proceduri ta' appell minn decizjonijiet tal-Kummissarju ghar-Refugjati jew l-Agenzija ghall-Protezzjoni Internazzjonali mhumix univoci u jippermettu li appellant jigi mcahhad mid-dritt tieghu ghal access ghall-gustizzja, bi ksur tal-Kostituzzjoni ta' Malta u

bi ksur tad-drittijiet sanciti taht il-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta;

iii. Tiddikjara li d-decizjoni tal-International Protection Appeals Tribunal tal-14 ta' Gunju 2021 dwar l-appell ta' Khaled Al Karshawy kienet tilliedi d-drittijiet fondamentali tal-esponenti;

iv. Taghti dawk l-Ordnijiet, direttivi u rimedji effettiv u xierqa lill-esponent, u jekk ikun il-kaz tordna li l-appell jinstema mill-gdid u li l-esponent jinghata kumpens xieraq.

Bl-ispejjez kontra l-intimati.

2. Rat ir-risposta mressqa mill-intimati fit-8 t'Awwissu, 2022[1], li permezz tagħha ġie eċċepit dan li ġej:

Illi l-lanzjanza tar-rikorrent hija li allegatament il-proceduri ta' appell minn decizjonijiet tal-Agenzija ghal Protezzjoni Internazzjonali huma ambigwi u ghalhekk jaghtu lok ghal nuqqas ta' smiegh xieraq bi ksur tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tad-drittijiet sanciti fil-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll illi d-disposizzjonijiet fil-Kapitolu 420 tal-Ligijiet ta' Malta rigwardanti proceduri ta' appell minn decizjonijiet tal-Agenzija ghal Protezzjoni Internazzjonali mhumiex univoci u allegatament jippermettu li l-appellant jigi mcahhad mid-dritt tieghu ghal access ghall-gustizzja bi ksur tal-Kostituzzjoni ta' Malta u bi ksur tad-drittijiet sanciti taht il-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta. Ir-rikorrent talab dikjarazzjoni illi d-decizjoni tal-International Protection Appeals Tribunal tal-14 ta' Gunju 2021 rigwardanti l-appell tar-rikorrent kienet tilledi d-drittijiet fundamentali tieghu u qieghed jitlob ukoll rimedji effetivi u xierqa inkluz jekk jkun il-kaz illi l-appell jinstema mill-gdid u li r-rikorrent jinghata kumpens xieraq;

Illi s-segwenti eccezzjonijiet qieghdin jinghataw minghajr pregudizzju ghal xulxin:

**<u>Eccezzjonijiet Preliminari</u>**

1. Illi in linea preliminari, l-esponent Ministru ghall-Intern, Sigurta', Riformi u l-Ugwaljanza m'huwiex legittimu kontradittur u dan ai termini tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u tad-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 420 tal-Ligijiet ta' Malta.

[1] Ara folio 11.

Kwindi, l-esponent ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju minnufih;

2. Illi r-rikors promotur huwa irritu u null *stante* illi t-talbiet kif dedotti ma jaghmlu ebda referenza ghall-artikoli specifici senjatament l-artikoli azzjonabbli tal-Kostituzzjoni u/jew l-artikoli azzjonabbli tal-Konvenzjoni Ewropea. Gialadarba l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 4 tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta ma gewx segwiti, l-esponenti jadixxu dina l-Onorabbli Qorti tichad it-talbiet rikorrenti u tiddikjara r-rikors promotur bhala irritu u null;

3. Illi preliminarjament ukoll, l-esponenti jecepixxu n-nuqqas ta' applikabbilita' tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghall-kaz odjern *stante* illi l-garanziji mahsuba fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni ma jkoprux proceduri ta' azil, ghaliex proceduri dwar id-dhul, permanenza jew deportazzjoni ta' persuni barranin ma jittrattawx determinazzjoni tad-drittijiet jew obbligi civili taghhom, u lanqas ma jekwivalu ghal proceduri kriminali (vide ***Maaouia vs France*** (QEDB, 05/10/2000) u s-Sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali moghtija fit-29 ta' Gunju 2022 fl-ismijiet "***Amin Ruhul vs Kummissarju tal-Pulizija et***" (250/19MCH));

4. Illi l-esponenti jirrilevaw illi l-access ghal gustizzja jew access ghal Qorti hija parti formani tad-dritt sostantiv enuncjat fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Ghaldaqstant, l-esponenti jecepixxu illi t-tieni talba hija ukoll improponibbli u inakkoljabbli *stante* illi illi l-garanziji mahsuba fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ma jkoprux proceduri ta' azil;

**<u>Eccezjonijiet fil-Mertu</u>**

5. Illi fil-mertu, in kwantu r-rikorrent jallega li ma nghatax smiegh xieraq mill-Bord tal-Appelli dwar ir-Refugjati/It-Tribunal tal-Appelli dwar il-Protezzjoni Internazzjonali u li d-decizjoni tal-istess Tribunal hija wahda mhux korretta, l-esponenti jissottomettu li r-rikorrent ma jistax jinqeda bi proceduri kostituzzjonali u konvenzjonali ghas-semplici raguni, li skont huwa, awtorita' gudizzjarja tkun zbaljata fis-sentenza taghha. Huwa maghruf kemm fid-duttrina kif ukoll fil-gurisprudenza li mhijiex il-funzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti li ssewwi 'zbalji' tal-Qrati ordinarji. Ma jista' jkun hemm l-ebda dubbju illi l-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti hija limitata biss biex tinvestiga u tiddetermina jekk

kienx hemm jew le vjolazzjoni ta' xi dritt fundamentali izda certament li ma tistax tistharreg jekk il-Qrati ordinarji (jew Tribunal u Bordijiet) iddecidewx b'mod tajjeb u korrett tilwima. Illi minn qari tar-rikors promotur jinzel bic-car li r-rikorrent qieghed jistieden lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tidhol fil-mertu fattwali tal-appell decizi mit-Tribunal tal-Appelli ghall-Protezzjoni Internazzjonali. Fir-rikors promotur tieghu r-rikorrent imkien ma jfisser kif gie vjolat id-dritt ta' smigh xieraq izda dak li qieghed jaghmel huwa li jikkontesta l-mod li ddecieda l-appell in konfront tieghu it-Tribunal u dan minhabba l-kunsiderazzjonijiet li fuqhom ibbaza l-istess Tribunal. Fil-fehma tal-esponenti tali kontestazzjoni tohrog 'il barra mill-iskrutinju li jahsbu ghalih il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni;

6. Illi mhux kull interpretazzjoni hazina tal-fatti twassal ghal ksur tad-dritt fundamentali u mhux kull meta kawza tintilef minhabba interpretazzjoni jew apprezzament hazin tal-fatti jaghti dritt illi l-mertu tal-kaz ikun ezaminat mill-gdid minn ottika ta' drittijiet fundamentali. Illi l-qrati moghnija b'setgha kostituzzjonali u konvenzjonali ma ghandhomx jigu mibdula f'qrati tat-tielet jew raba' istanza izda dawn il-qrati huma moghtija s-setgha li, f'kaz ta' ilment dwar ksur tad-dritt fundamentali tal-persuna ghal smigh xieraq quddiem qorti indipendenti u imparzjali, tistharreg l-imgiba ta' kull awtorita' gudikanti ohra, imqar jekk tkun wahda gerarkikament oghla minnha. Izda dina s-setgha wiesgha hija limitata fis-sens li l-Qrati ta' gurisdizzjoni kostituzzjonali ma ghandhomx iqisu jekk il-Qrati mixlija bi ksur ta' jedd ta' smigh xieraq ikkommettewx zball ta' ligi jew ta' fatt fid-decizjonijiet taghhom (ara **Domenico Savio Spiteri vs Avukat Generali et** deciza fit-2 ta' Ottubur 2001). Hija setgha limitata biex tqis jekk il-procediment li minnu tressaq ilment ta' nuqqas ta' smigh xieraq kienx tassew wiehed imparzjali u 'skont il-ligi' (ara **Fatiha Khallouf vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et** deciza fit-28 ta' Dicembru 2001). Illi ghalhekk, proceduri maghmula abbazi ta' allegat ksur tad-drittijiet fundamentali mhijiex mahsuba biex isservi ta' appell jew kassazzjoni minn sentenzi li jkunu ghaddew in gudikat. Proprju f'dan il-kaz, ir-rikorrent qieghed ilibbes l-ilment tieghu bhala vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali taghhom meta dan ma huwa xejn hlief appell gdid mill-apprezzament milhuq mill-Bord. Isegwi ghalhekk li ilment bhal dan ma jistax jigi mistharreg mil-lenti ta' vjolazzjoni ta' drittijiet fundamentali u ghalhekk ghandu jigi mwarrab;

7. Illi l-esponenti jirrilevaw illi f'proceduri ta' applikazzjoni ta' azil quddiem l-Agenzija ghal Protezzjoni Internazzjonali m'hemm ebda ostakolu jew divjet legali li jwaqqaf

applikant milli jaghmel uzu minn assistenza ta' rapprezentant legali. Anzi dan kollu stipulat fir-regolament 4 (1) (a) (iv) u r-regolament 10 (4) tal-ligi sussidjarja 420.07 li ilha in vigore mis-sena 2015. B'hekk ma tezisti ebda ambigwita' dwar il-procedura ta' azil f'Malta;

8. Illi l-esponenti jirrilevaw illi rimedji huma effetivi fi proceduri ta' azil meta l-*asylum seeker* jinstema u jkollu l-opportunitajiet kollha disponibbli, anki jekk ikollu zmien qasir sabiex jissottometti l-ilmenti tieghu (vide (E.H. v. France, 2021, §§ 174-207));

9. Illi l-esponenti jirrilevaw illi fir-rigward tal-allegata ambigwita' dwar il-parametri tal-appell quddiem l-IPAT ghandu jinghad illi m'hemm l-ebda ambigwita' ghaliex il-ligi hija cara dwar minn xiex jista' jsir appell mill-applikant, u dan hekk kif indikat f'Artikolu 7(1A) tal-Kapitolu 420 tal-ligijiet ta' Malta, li tispjega li jista' jsir appell kemm minn fatti u kif ukoll minn punti ta' ligi;

10. Illi l-esponenti jirrilevaw illi in kwantu ghall-kontenut li ghandu jkollu l-appell, il-pronunzjament tal-aggravji ghandu jkun obbligu tal-appellant, li ghandu jkun hu li jispjega fuq xiex qieghed jinterponi l-appell tieghu u r-ragunijiet ghall-appell. Din hija procedura li ssir f'kull appell, u t-Tribunal m'huwa xejn differenti. It-Tribunal innifsu ma jistax minn jeddu jindaga x'jahseb hu li huma l-aggravji tal-appell jekk l-appellant ma jippronunzjahomx, bhal ma kien fil-kaz odjern;

11. Illi finalment jinghad illi wiehed ma jistax jghid li ma jafx x'ghandu jkun fih appell, meta l-ligi tghid espressament li l-appell li jista' jigi intavolat quddiem it-Tribunal ghandu jkun 'kontra d-decizjoni tal-Agenzija' (vide Artikolu 7 (1) tal-Kapitolu 420 tal-ligijiet ta' Mata). Ghalhekk il-kontenut tal-appell huwa definit minn dak li tipprovdi l-ligi nfisha, ossia appell b'motivazzjonijiet kontra d-decizjoni tal-Agenzija;

12. Illi l-esponenti jirrilevaw illi kien ir-rikorrent stess li fil-25 ta' Novembru 2019 talab bil-miktub illi jipprezenta evidenza u sottomissjonijiet godda quddiem it-Tribunal imma minkejja din it-talba naqas milli jaghmel dan. Ghalhekk m'huwiex minnu illi l-appellant ma kienx jaf abbazi ta' xiex kellu jressaq l-appell tieghu meta huwa ddikjara bil-miktub illi ser iressaq evidenza u sottomissjonijiet in sostenn tal-appell tieghu (kopja informali tal-ittra mibghuta mir-rikorrent lit-Tribunal hawn annessa u mmarkata Dok '**IPAT 1**');

13. Illi l-esponenti jirrilevaw illi l-*eligiblity memo to the applicant for international protection* tal-20 ta' Awissu 2019 stipulat illi:

*"The right to consult the United Nations High Commissioner for Refugees (UNHCR), and to have legal assistance subsist throughout the appeal procedure.*

*As per Article 7(5) of the Refugees Act, an appellant also has the right to free legal aid under the same conditions applicable to Maltese Nationals. Applicants at accomodation centres can contact the administration of the centres in case of difficulty. Applying for free legal aid automatically implies your consent to the office of the refugee comissioner to provide your legal aid lawer with the interview notes of your case.";*

Illi llum-il gurnata dan l-artikolu ghadu jezisti imma fl-artikolu 7 (4) tal-Kap. 420 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi allura altru milli r-rikorrenti ma kienx infurmat illi seta jaghmel uzu mill-assistenza ta' ghajnuna legali b'xejn (kopja informali tal-*eligibility memo* tal-20 ta' Awissu 2019 hawn annessa u mmarkata Dok '**IPAT 2**');

14. Illi l-esponenti jirrilevaw illi m'huwiex minnu illi l-Kapitolu 420 tal-Ligijiet ta' Malta jew xi ligi vigenti cahad lir-rikorrent milli jkun assistit minn avukat tal-fiducja tieghu f'proceduri ta' azil. Anzi, email tas-27 ta' Novembru 2019 tixhed illi r-rikorrent gie assenjat avukat ghal assistenza legali u kwindi assolutament m'huwiex minnu illi r-rikorrent gie mcahhad milli jigi assistit b'ghajnuna legali kif qieghed jinghad fil-premessi tar-rikors in risposta (kopja informali tal-email tas-27 ta' Novembru 2019 hawn annessa u mmarkata Dok **'IPAT 3'**). Inoltre ghandu jirrizulta illi l-appellant kien inghata appuntament sabiex jiltaqa' mal-avukat tal-ghajnuna legali fil-11 ta' Dicembru 2019, izda l-appellant ma attendiex ghal dan l-appuntament.

15. Illi l-esponenti finalment jirrilevaw illi jekk ghal grazzja tal-argument dina l-Onorabbli Qorti tissindaka r-raguni ghal applikazzjoni tal-azil, ir-*report on the substantial elements of the application for international protection* (kopja informali tal-istess rapport hawn anness u mmarkat Dok **'IPAT 4'**) juri illi:

*"The applicant comes from a poor background, and thus left Morocco in search of economic opportunities, and to support his family financially, because his parents did not approve of the fact that his wife had a child from her first marriage, and they did not know this when they gave their*

*blessing for the wedding. After they found out that she had a daugther, her brotherYoussef, became abusive towards her, the applicant and his wife could not relocate within Morocco because they did not have the money to do so."*

Illi bil-qajla ghandu ghalfejn jinghad illi dawn ir-ragunijiet m'humiex ragunijiet ghalfejn persuna tfittex l-azil internazzjonali f'pajjiz iehor;

16. Illi jsegwi li l-lanjanzi u t-talbiet kollha tar-rikorrent ghandhom jigu michuda;

17. Salv eccezzjonijiet ulterjuri

3. Rat li fl-udjenza tad-29 ta' Novembru, 2022[2], l-intimati rrinunzjaw għat-tieni eċċezzjoni tagħhom, wara li l-qorti, kif diversament presjeduta, laqgħet it-talba tar-rikorrenti għall-korrezzjoni fir-rikors promotur tal-kawża;

4. Rat ix-xiehda kollha prodotta u d-dokumenti eżebiti, kif ukoll l-atti proċesswali fl-intier tagħhom;

5. Semgħet it-trattazzjoni finali magħmula mid-difensuri tal-kontendenti;

6. Rat li l-kawża ġiet imħollija għal-lum sabiex tingħata sentenza;

Ikkunsidrat:

7. Illi din hija azzjoni dwar allegat ksur ta' jeddijiet fondamentali tal-bniedem. Ir-rikorrenti jgħid li t-tħaddim tad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Protezzjoni Internazzjonali (Kapitolu 420 tal-liġijiet ta' Malta) fi proċeduri t'appell li huwa ressaq minn deċiżjoni li biha ġiet rifjutata l-applikazzjoni tiegħu għall-ażil, kif ukoll id-deċiżjoni aħħarija fl-istess proċeduri t'appell, wasslu għal vjolazzjoni tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

8. Illi l-fatti li huma rilevanti għal din id-deċiżjoni qed jiġu brevement riassunti kif ġej:

[2] Ara folio 23.

i. ir-rikorrent huwa Marokkin, u wasal f'Malta f'Mejju tas-sena 2019[3];

ii. kif wasal Malta, hu applika sabiex jingħata l-ażil, permezz tal-applikazzjoni IPA no. 26033;

iii. waqt l-ipproċessar tal-applikazzjoni għall-ażil, ir-rikorrent kien mgħejjun minn traduttur mill-ilsien Għarbi għall-ilsien Malti[4];

iv. b'deċiżjoni tal-20 t'Awwissu 2019[5], din l-applikazzjoni ġiet rifjutata. Permezz t'ittra li akkumpanjat id-deċiżjoni[6], r-rikorrenti ġie mgħarraf li kellu dritt jappella, kif ukoll dritt għall-assistenza legali matul il-proċess tal-appell. Jingħad ukoll li skont l-artikolu 7(5) tal-Kapitolu 420 tal-liġijiet ta' Malta, ir-rikorrent kellu l-jedd għall-benefiċċju tal-għajnuna legali[7]. Dawn id-dokumenti ġew mogħtija lir-rikorrent fit-12 ta' Novembru 2019[8];

v. fil-25 ta' Novembru 2019, ir-rikorrenti ressaq appell mid-deċiżjoni ta' rifjut quddiem it-Tribunal ta' Appelli dwar Protezzjoni Internazzjonali (minn issa 'l quddiem imsejjaħ biss bħala "it-Tribunal"), mingħajr ma talab l-assistenza t'avukat[9]. Fl-appell tiegħu, ir-rikorrenti kiteb li qed jappella «*...for reasons which I will explain in greater detail in my submissions*», u ddikjara wkoll li ried iressaq provi in sostenn tat-talba tiegħu. Fl-istess ittra li biha r-rikorrent appella, hemm ukoll dikjarat li hu ried jaħtar avukat tal-għajnuna legali u talab żmien sabiex ikellem lill-avukat u jipprepara s-sottomissjonijiet dwar il-każ tiegħu;

vi. jirriżulta li fil-25 ta' Novembru 2019, ir-rikorrenti talab appuntament għall-għajnuna legali[10]. Huwa ingħata appuntament mal-avukat tal-għajnuna legali għall-11 ta' Diċembru 2019, tant li anki ffirma l-ittra ta' notifika għal dan l-

---

[3] Ara l-affidavit tar-rikorrenti, a folio 27.
[4] Ara x-xiehda mogħtija mir-rikorrenti in kontro-eżami, a folio 41.
[5] Ara folio 39.
[6] Ara l-affidavit ta' Dr Sarah Ezabe, a folio 46.
[7] Ara folio 18.
[8] Ara folio 50.
[9] Ara folio 17.
[10] Ara l-affidavit ta' Luke Grech, a folio 56.

appuntament[11]. Jidher li r-rikorrent naqas li jattendi għal dan l-appuntament[12]. Intqal li saru tliet tentattivi sabiex isir kuntatt bil-mezz tat-telefon mar-rikorrent, liema tentattivi però kienu bla suċċess peress li r-rikorrenti ma weġibx it-telefonati[13];

vii. fl-14 ta' Ġunju 2021, ġie riġettat l-appell tar-rikorrenti[14], minħabba li r-rikorrenti m'għamel ebda sottomissjonijiet biex jispjega l-bażi tal-appell tiegħu;

viii. fit-8 ta' Lulju 2022, saret din il-kawża.

9. Illi esposti l-fatti saljenti tal-każ, il-qorti sejra tibda billi tqis qabel xejn dawk l-eċċezzjonijiet preliminari tal-intimati li ma ġewx minnhom irtirati fil-mori tal-kawża.

Ikkunsidrat:

10. Illi l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-intimati hija li l-Ministru intimat m'huwiex il-leġittimu kontradittur skont l-artikolu 181B tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Protezzjoni Internazzjonali.

11. Illi l-artikolu 181B(2) tal-Kodiċi preċitat fil-fatt jipprovdi li, «*L-Avukat tal-Istat jirrappreżenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern*».

12. Illi l-qorti tagħmel riferenza għall-insenjament tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża ***Joseph Abela vs. L-Onorevoli Prim'Ministru***[15] fejn ġie osservat li:

> F'kawżi ta' natura kostituzzjonali bbażati fuq id-drittijiet fundamentali, il-leġittimi kontradittur ta' dawk l-azzjonijiet jinqasmu fi tlett kategoriji. L-ewwel

[11] Ara folio 52.
[12] Ara x-xiehda ta' Dr Jonathan Muscat, a folio 62.
[13] Ara l-affidavit ta' Diandra Buttigieg, a folio 51.
[14] Kopja tad-deċiżjoni hija eżebita a folio 3.
[15] 7/12/1990 – Kollezz. Vol.LXXIV.i.261.

kategorija tikkomprendi dak li huwa allegat li huma direttament jew indirettament, responsabbli, għall-kummissjoni jew ommissjoni, ta' xi fatt li jikser xi dritt fundamentali protett mil-liġi. Fit-tieni kategorija huma dawk li għall-ommissjonijiet jew kummissjonijiet tal-persuni ta' l-ewwel kategorija jistgħu jkunu responsabbli biex jagħtu jew jiffornixxu r-rimedji li s-sentenza, li takkolji l-lament tal-ksur ta' dritt fundamentali, tissanzjona. It-tielet kategorija mbagħad hemm dawk il-partijiet kollha li jkunu in kawża, meta l-kwistjoni kostituzzjonali tinqala' fuq jew waqt xi proċedura ġudizzjarja.

13. Illi l-ilment tar-rikorrenti huwa dirett fil-konfront tad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Protezzjoni Internazzjonali, kif ukoll fil-konfront tad-deċiżjoni tat-Tribunal. Ma jistax jingħad u ċertament ma rriżultax li l-Ministru intimat għamel xi att jew xi omissjoni li minħabba fiha seħħ il-ksur li minnu jilmenta r-rikorrenti. Skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti dwar il-Proċeduri tat-Tribunal tal-Appelli għall-Protezzjoni Internazzjonali (LS420.01), u partikolarment skont ir-regolament 5, anki l-Ministru intimat jidher li għandu jedd t'appell quddiem it-Tribunal. Dan id-dritt t'appell hu deżunt minn qari tal-artikolu 5(1)(b) tar-Regolamenti msemmija. Għalkemm huwa evidenti li meta l-appell isir mill-Ministru intimat, dan isir u jinstema' in kontradittorju tal-persuna li tkun talbet l-ażil, mhux daqstant ċar jekk l-appell li jsir minn persuna li tkun ġiet rifjutata l-ażil jinstemax in kontradittorju tal-Ministru intimat. Għalkemm il-qorti ma sabet ebda dispożizzjoni taħt ir-regolament 5 li tagħti xi jedd speċifiku lill-Ministru intimat li jipparteċipa fil-proċess tal-appell li jsir mill-applikant għall-ażil, hemm però obbligu mpost fuq it-Tribunal stess li jinnotifika lill-Ministru intimat b'kopja ta' dak l-appell (*ex* reg.5(1)(b) tar-Regolamenti infraskritti). Imbagħad ir-Regolament 5(1)(h) jiffakoltizza lit-Tribunal li joħroġ avviż «*lill-partijiet interessati*» sabiex jisma' sottomissjonijiet. Fil-fehma ta' din il-qorti, il-Ministru intimat għandu jitqies li huwa parti interessata għal finijiet ta' dan ir-regolament. Li ma kienx parti interessata, l-liġi ma kinitx teżiġi li jiġi notifikat b'kopja tal-appell li jkun sar lit-Tribunal.

14. Illi l-fatt allura li l-Ministru intimat huwa parti fil-proċeduri t'appell quddiem it-Tribunal jiġġustifikaw il-preżenza tiegħu f'din il-kawża, la darba d-deċiżjoni mitluba minn din il-qorti tista' potenzjalment twassal biex jiġu affettwati proċeduri li fihom il-Ministru intimat jista' jipparteċipa. Il-fatt li fil-każ tar-rikorrenti ma jidhirx li huwa

effettivament ipparteċipa mhux tant rilevanti. Dak li hu rilevanti hu li l-Ministru intimat jista' jiġi milqut bl-ordnijiet li jistgħu jingħataw minn din il-qorti f'każ li ssib li hu minnu li ġew leżi l-jeddijiet fondamentali tar-rikorrenti. It-tielet kategorija ta' persuni, identifikata fid-deċiżjoni fuq ċitata, li jitqiesu leġittimi kontradditturi f'kawżi dwar ksur ta' jeddijiet fondamentali huma dawk il-persuni li jkunu involuti fil-proċess ġudizzjarju li minħabba fih tkun qamet il-kwistjoni kostituzzjonali, u li għalhekk ukoll jistgħu jiġu milquta minn deċiżjonijiet li għad jistgħu jingħataw f'każ li l-ilment dwar ksur ta' dritt fondamentali jiġi akkolt.

15. Illi waqt it-trattazzjoni orali tal-kawża, d-difensur tal-intimati għamel riferenza għad-deċiżjoni ***Wasim Rakib vs. Bord tal-Appelli dwar Rifuġjati et*** (Prim'Awla, 28/2/2017)[16]. Apparti l-fatt li din kienet azzjoni dedotta taħt l-artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, u kwindi għaliha japplikaw konsiderazzjonijiet differenti minn dawk applikabbli għal azzjonijiet bħal dik odjerna, dak li ġie effettivament deċiż f'dik id-deċiżjoni kien li l-Avukat Ġenerali (u llum l-Avukat tal-Istat) kien il-leġittimu kontradittur. Din il-qorti mhux qed tgħid mod'ieħor. Kemm hu hekk, huwa risaput li fejn azzjoni dwar ksur ta' dritt fondamentali titratta l-konformità ta' leġiżlazzjoni ordinarja mal-Kostituzzjoni jew mal-Konvenzjoni Ewropea[17], jew inkella tkun titratta l-kwistjoni dwar jekk proċeduri legali sarux b'rispett lejn id-drittijiet fondamentali tal-individwu, il-leġittimu kontradittur huwa invarjabbilment l-Avukat tal-Istat. Dak li qed jiġi deċiż taħt dan il-kap ta' din is-sentenza huwa sempliċiment li anki l-Ministru intimat għandu l-leġittimazzjoni passiva biex ikun ċitat f'dawn il-proċeduri, la darba r-rimedju li tista' tagħti din il-qorti kemm-il darba ssib fondati l-ilmenti tar-rikorrenti jinvolvi proċeduri ġudizzjarji li fihom l-istess Ministru intimat huwa parti u għandu jedd ta' parteċipazzjoni.

16. Illi għalhekk din l-ewwel eċċezzjoni tal-intimati qed tiġi miċħuda.

Ikkunsidrat:

---

[16] Konfermata mill-Qorti tal-Appell fil-5/10/2018.
[17] Ara per eżempju ***Glen Bedingfield vs. Kummissarju tal-Pulizija et*** (Qorti Kostituzzjonali, 31/7/2000 – Kollezz. Vol.LXXXIV.i.232).

17. Illi permezz tat-tielet u r-raba’ eċċezzjonijiet tagħhom, l-intimati jsostnu li l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ma jistgħux jiġu nvokati b’rabta ma’ proċeduri tal-ażil.

18. Illi jingħad illi, kif sewwa osservat mill-Qorti Kostituzzjonali fid-deċiżjoni ***L-E.T. Rev.ma Monsinjur Arċisqof Giuseppe Mercieca pro et noe vs. L-Onorevoli Prim Ministru noe et*** (22/10/1984)[18], dak li llum huwa l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni tagħna, fil-fergħa “ċivili” tiegħu, huwa sostanzjalment identiku għal dik li hija l-fergħa “ċivili” tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, u għalhekk bosta mill-konsiderazzjonijiet li sejrin isiru dwar il-każ odjern japplikaw għall-qagħda prevalenti taħt iż-żewġ dispożizzjonijiet.

19. Illi l-kwistjoni li sikwit titwieled fil-kuntest ta’ lanjanzi bħal dawk imressqa mir-rikorrenti tirrivolvi madwar it-tifsira ta’ “drittijiet u obbligi ċivili”, li huwa biss fir-rigward tad-determinazzjoni u d-deċiżjoni tagħhom li jistgħu jiġu nvokati l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. L-awturi ***van Dijk & van Hoof***[19] josservaw:

> Although for the determination of whether a right or obligation is at stake the domestic legal system concerned has to be taken as a starting point, the Strasbourg case-law has made it clear that, as part of a provision of the Convention, the words ‘rights and obligations’ have an autonomous meaning. Thus, the Commission held in the *Kaplan* Case:
>
> These concepts [rights and obligations] are in themselves autonomous to some degree. Thus it is not decisive that a given privilege or interest which exists in a domestic legal system is not classified or described as a ‘right’ by that system. However in deciding whether it is a ‘right’ for the purpose of Article 6(1), account must be taken of its ‘substantive content and effects’, the object and purpose of the Convention and the national legal systems of other Contracting States.
>
> If, according to this line of interpretation, a certain claim is considered to be a ‘right’, the Court’s case-law requires for

[18] Kollezz. Vol.LXVIII.i.42.
[19] Theory and Practice of the European Convention on Human Rights, 3rd Edition, pġa.394.

> the applicability of Article 6 that this right 'can be said, at least on arguable grounds, to be recognised under domestic law'.

20. Hekk ukoll ingħad suċċintament li «*By 'rights and obligations' in Article 6 are meant 'rights and obligations' 'which can be said, at least on arguable grounds, to be recognised under domestic law'. The requirement is only that the applicant have a 'tenable' argument, not that he will necessarily win. If the applicant has no arguable right under national law, Article 6 does not apply*»[20].

21. Huwa madanakollu ġeneralment meqjus illi «*Areas falling outside Art.6 are principally matters relating to ... asylum, expulsion and nationality...*»[21].

22. Illi l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, fid-deċiżjoni tagħha fil-każ ***Maaouia vs. France***[22], qieset:

> 35. The Court has not previously examined the issue of the applicability of Article 6 § 1 to procedures for the expulsion of aliens. The Commission has been called upon to do so, however, and has consistently expressed the opinion that the decision whether or not to authorise an alien to stay in a country of which he is not a national does not entail any determination of his civil rights or obligations or of any criminal charge against him within the meaning of Article 6 § 1 of the Convention (see, for example, Uppal and Singh v. the United Kingdom, application no. 8244/78, Commission decision of 2 May 1979, Decisions and Reports (DR) 17, p. 149; Bozano v. France, application no. 9990/82, Commission decision of 15 May 1984, DR 39, p. 119; Urrutikoetxea v. France, application no. 31113/96, Commission decision of 5 December 1996, DR 87-B, p. 151; and Kareem v. Sweden, application no. 32025/96, Commission decision of 25 October 1996, DR 87-A, p. 173).
>
> 36. The Court points out that the provisions of the Convention must be construed in the light of the entire Convention system, including the Protocols. In that connection, the Court notes that Article 1 of Protocol No. 7, an instrument that was adopted on 22 November 1984 and

[20] ***Harris, O'Boyle & Warbrick***, Law on the European Convention on Human Rights, 2nd Edition, paġna 223.
[21] ***Reid,*** A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights, 4th Edition, paġna 104.
[22] 5 t'Ottubru 2000.

which France has ratified, contains procedural guarantees applicable to the expulsion of aliens. In addition, the Court observes that the preamble to that instrument refers to the need to take "further steps to ensure the collective enforcement of certain rights and freedoms by means of the Convention ...". Taken together, those provisions show that the States were aware that Article 6 § 1 did not apply to procedures for the expulsion of aliens and wished to take special measures in that sphere. That construction is supported by the explanatory report on Protocol No. 7 in the section dealing with Article 1, the relevant passages of which read as follows:

> "6. In line with the general remark made in the introduction ..., it is stressed that an alien lawfully in the territory of a member state of the Council of Europe already benefits from certain guarantees when a measure of expulsion is taken against him, notably those which are afforded by Articles 3 (prohibition of inhuman or degrading treatment) and 8 (right to respect for private and family life), in connection with Article 13 (right to an effective remedy before a national authority) of the ... Convention ..., as interpreted by the European Commission and Court of Human Rights ...
>
> 7. Account being taken of the rights which are thus recognised in favour of aliens, the present article has been added to the ... Convention ... in order to afford minimum guarantees to such persons in the event of expulsion from the territory of a Contracting Party. The addition of this article enables protection to be granted in those cases which are not covered by other international instruments and allows such protection to be brought within the purview of the system of control provided for in the ... Convention ...
>
> ...
>
> 16. The European Commission of Human Rights has held in the case of Application No. 7729/76 that a decision to deport a person does 'not involve a determination of his civil rights and obligations or of any criminal charge against him' within the meaning of Article 6 of the Convention. The present article does not affect this interpretation of Article 6."

37. The Court therefore considers that by adopting Article 1 of Protocol No. 7 containing guarantees specifically concerning proceedings for the expulsion of aliens the States clearly intimated their intention not to include such proceedings within the scope of Article 6 § 1 of the Convention.

38. In the light of the foregoing, the Court considers that the proceedings for the rescission of the exclusion order, which form the subject matter of the present case, do not concern the determination of a "civil right" for the purposes of Article 6 § 1. The fact that the exclusion order incidentally had major repercussions on the applicant's private and family life or on his prospects of employment cannot suffice to bring those proceedings within the scope of civil rights protected by Article 6 § 1 of the Convention (see, *mutatis mutandis*, the Neigel v. France judgment of 17 March 1997, *Reports* 1997-II, pp. 410-11, §§ 43-44, and the Maillard v. France judgment of 9 June 1998, *Reports* 1998-III, pp. 1303-04, §§ 39-41).

39. The Court further considers that orders excluding aliens from French territory do not concern the determination of a criminal charge either. In that connection, it notes that their characterisation within the domestic legal order is open to different interpretations. In any event, the domestic legal order's characterisation of a penalty cannot, by itself, be decisive for determining whether or not the penalty is criminal in nature. Other factors, notably the nature of the penalty concerned, have to be taken into account (see Tyler v. the United Kingdom, application no. 21283/93, Commission decision of 5 April 1994, DR 77, pp. 81-86). On that subject, the Court notes that, in general, exclusion orders are not classified as criminal within the member States of the Council of Europe. Such orders, which in most States may also be made by the administrative authorities, constitute a special preventive measure for the purposes of immigration control and do not concern the determination of a criminal charge against the applicant for the purposes of Article 6 § 1. The fact that they are imposed in the context of criminal proceedings cannot alter their essentially preventive nature. It follows that proceedings for rescission of such measures cannot be regarded as being in the criminal sphere either (see, *mutatis mutandis*, Renna v. France, application no. 32809/96, Commission's decision of 26 February 1997, unreported).

40. The Court concludes that decisions regarding the entry, stay and deportation of aliens do not concern the determination of an applicant's civil rights or obligations or of a criminal charge against him, within the meaning of Article 6 § 1 of the Convention.

41. Consequently, Article 6 § 1 is not applicable in the instant case.

23. L-istess Qorti, fil-każ ***Katani et autres vs. Allemagne***[23], irribadiet li: «*La Cour rappelle que les garanties de l'article 6 de la Convention ne sont pas applicables aux procédures en matière d'asile politique (voir récemment l'arrêt Maaouia c. France [GC], n° 39652, §§ 33-40, CEDH 2000-..., confirmant ainsi la jurisprudence constante de la Commission en la matière)*», u ċjoè li l-artikolu 6 mhux applikabbli fil-kuntest ta' proċeduri tal-ażil.

24. Ma jidhirx li din il-pożizzjoni nbidlet. Kemm hu hekk, fil-pubblikazzjoni *Guide on Article 6 of the European Convention on Human Rights – Right to a Fair Trial (Civil Limb)*, li ġew aġġornati fl-aħħar f'Awwissu 2022, hemm indikat:

> The same applies, in the immigration field, to the entry, residence and removal of aliens, in relation to proceedings concerning the granting of political asylum or deportation (application for an order quashing a deportation order: see *Maaouia v. France* [GC], 2000, § 38; extradition: see *Peñafiel Salgado v. Spain* (dec.), 2002; *Mamatkulov and Askarov v. Turkey* [GC], 2005, §§ 81-83; and an action in damages by an asylum-seeker on account of the refusal to grant asylum: see *Panjeheighalehei v. Denmark* (dec.), 2009), despite the possibly serious implications for private or family life or employment prospects. This inapplicability extends to the inclusion of an alien in the Schengen Information System (*Dalea v. France* (dec.), 2010). The right to hold a passport and the right to nationality are not civil rights for the purposes of Article 6 (*Smirnov v. Russia* (dec.), 2006). However, a foreigner's right to apply for a work permit may come under Article 6, both for the employer and the employee, even if, under domestic law, the employee has no locus standi to apply for it, provided that what is involved is simply a procedural bar that does not affect the substance of the right (*Jurisic and Collegium Mehrerau* v. Austria, 2006, §§ 54-62).[24]

25. Illi l-Qrati Maltin ukoll żammew l-istess pożizzjoni. Issir riferenza għad-deċiżjonijiet ***Hani Ahmed Shaawi vs. L-Onor. Prim Ministru et*** (Prim'Awla Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali, 13/7/2007)[25]; ***Amin Ruhul vs. Kummissarju tal-Pulizija bħala Uffiċjal Ewlieni tal-Immigrazzjoni et*** (Prim'Awla Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali,

[23] 31 ta' Mejju, 2001. Din id-deċiżjoni tinsab pubblikata biss bl-ilsien Franċiż.
[24] §77.
[25] Mhux appellata.

28/6/2022)[26]; ***Mariama Ngady Parsons vs. L-Aġenzija għal Protezzjoni Internazzjonali et*** (Qorti Kostituzzjonali, 25/1/2023) u ***Wasim Rakib vs. L-Aġenzija għal Protezzjoni Internazzjonali et*** (Prim'Awla Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali, 11/11/2022)[27], fejn saret ukoll is-segwenti rassenja ta' ġurisprudenza lokali:

> Fuq kollox anke l-Qorti Kostituzzjonali tagħna f'għadd ġmielu ta' sentenzi qalet li l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ma japplikawx għal talbiet għal stat ta' refuġjat u għal proċeduri dwar tkeċċija ta' min mhuwiex ċittadin tal-pajjiż (ara ***Dr Muhammed Mokbel Elbakry v. Onorevoli Prim Ministru*** deċiża fid-29 ta' Mejju, 2009, ***Ramadan Wahba Mabrouk Louay v. L-Onorevoli Viċi Prim Ministru u Ministru Għall-Ġustizzja u l-Intern*** deċiża fil-25 ta' Mejju, 2012, ***Tarek Mohammed Ibrahim v. Viċi Prim Ministru*** deċiża fit-28 ta' Mejju, 2012, ***Yazan Harmoush v. Viċi Prim Ministru u Ministru għall-Ġustizzja u l-Intern et*** deċiża fit-28 ta' Settembru, 2012 u ***Dilek Sahan et v. Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern et*** deċiża fit-22 ta' Frar, 2013)

26. Illi ferm il-premess, din il-qorti tista' tieqaf hawn billi hekk kif mibnija fuq l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u fuq l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, l-ilmenti tar-rikorrenti ma jistgħux ħlief jiġu ritenuti infondati.

27. Illi għall-kompletezza, però, din il-qorti żżid tgħid, brevement, li anki fil-meritu tagħhom l-ilmenti tar-rikorrenti ma jidhrux li kienu mibnija fuq pedamenti soda. Minn dak rikavat mill-atti proċesswali, jidher ċar li r-rikorrenti ingħata kull opportunità biex iressaq il-każ tiegħu wara li applika għall-ażil, kif ukoll ingħata kull opportunità biex jappella meta l-applikazzjoni tiegħu ġiet rifjutata. Huwa minnu li l-leġiżlazzjoni li tirregola l-proċeduri in kwistjoni, u ċjoè l-Att dwar il-Protezzjoni Internazzjonali u l-leġiżlazzjoni sussidjarja tiegħu, ma jirregolawx b'mod eżawrenti l-mod kif dak l-appell għandu jsir, iżda dan huwa biss fattur li jaġevola lill-appellant, li huwa mħolli fil-libertà li jintavola l-appell tiegħu bl-aktar forma skarna possibbli, sabiex imbagħad ilaħħam l-aggravji tiegħu waqt is-smigħ. Il-provi però juru li r-rikorrent, minkejja li ġie ndikat lilu d-dritt tiegħu li jibbenefika mill-għajnuna legali (tant li applika u ngħata appuntament), naqas milli jużufruwixxi ruħu minn dak il-benefiċċju. Dan in-nuqqas

[26] Għalkemm sar appell, ġie ċedut.
[27] Hemm appell pendenti, li għandu jiġi deċiż illum stess.

t'interess mir-rikorrenti fil-proċess tal-appell imniedi minnu stess baqa' jippersisti għal xhur twal, tant li d-deċiżjoni mit-Tribunal tal-Appell ingħatat kważi sentejn sħaħ wara li r-rikorrenti ippreżenta l-appell tiegħu – kważi sentejn sħaħ li fihom ir-rikorrenti baqa' passiv u inerti għal kollox. Hija għalhekk f'lokha din l-osservazzjoni magħmula fid-deċiżjoni ***Joseph Grech vs. L-Avukat Ġenerali*** (Qorti Kostituzzjonali, 20/12/2000)[28], li tapplika *mutatis mutandis* għall-fattispeċi trattat f'din id-deċiżjoni: «*Il-Qorti tinnota li dak li kien importanti u essenzjali kien illi ż-żewġ partijiet fil-kawżi ċivili jingħataw l-istess opportunità ta' difiża u l-istess opportunità li jippreżentaw il-każ tagħhom. Kien jispetta lilhom imbagħad li jagħmlu użu minn tali opportunità personalment jew permezz ta' l-avukat ta' fiduċja tagħhom. Jekk għal xi raġuni jonqsu illi hekk jagħmlu, huma ċertament ma jkunux jistgħu jilmentaw li ma jkunux ingħataw smigħ xieraq skond il-Konvenzjoni u skond il-Kostituzzjoni. Setgħu biss ilumu lilhom infushom illi jkunu tilfu, kienet x'kienet ir-raġuni, l-opportunità li jagħmlu użu mill-mezzi mqiegħda għad-disposizzjoni tagħhom skond ir-regoli proċedurali li jiggvernaw il-proċess*».

28. Għal dawn il-mottivi kollha, il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi, filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni eċċezzjoni tal-intimati billi ġiet irtirata, tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tagħhom iżda tilqa' t-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet, u konsegwentement tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti, bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.

Onor. Mark Simiana, LL.D
Imħallef

Lydia Ellul
Deputat Reġistratur

[28] Kollezz. Vol.LXXXIV.i.472.